# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

# Onor. Miriam Hayman

# Imhallef

**Rikors Nru. 948/2019MH**

**Fl-ismijiet:**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**Vs**

**Camilleri Joseph (K.I.533848M) u b'digriet tal-4 ta' Awwissu, 2021 gew mahtura L-Avv. Dr Yanika Bugeja u l-PL Quentin Tanti bhala Kuraturi Deputati tal-mejjet Joseph Camilleri, Camilleri Doris (KI 471851M)**

**Illum, 4 ta' Novembru, 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors **maħluf** tar-rikorrenti bank datat 8 ta' Ottubru, 2019 fejn in suċċint ai termini ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta talab li jgħaddi għal eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv a favur tiegħu bħala kreditur a saħħa ta' tlett kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu pubblikati fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja[1]

[1] Kopji annessi bħala dok HSBC1 Sa Dok HSBC3

Minħabba t-trapass taż-żmien[2] il-bank qiegħed għalhekk jitlob li jiġi awtorizżat jgħaddi għal eżekuzzjoni tat-titolu msemmi fil-konfront ta' l-intimati għal bilanċ dovut.

Rat li wara ammont ta' diffikulta' l-intimati ġew debitament notifikati biex b'hekk intavolaw risposta tagħhom fejn opponew għax xilja[3] billi sostnew li m'għaddix iż-żmien imsemmi biex tkun tista' ssir l-eżekuzzjoni ukoll li ma kien hemm ebda interpellazzjoni b'ittra uffiċjali kif titlob il-liġi almenu jumejn qabel.

Żiedu lil Qorti kellha **biss** takkorda l-eżekuzzjoni fil-konfront tal-bilanċi dovuti.

Rat li dawn il-proċeduri tħallew għal provi ta' l-intimati, fatt li qatt ma okkorra.

Rat ukoll li fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġie nieqes Joseph Camilleri u ġew appuntati kuraturi n rappresentanza ta' l-eredi mhux magħrufa tad-deċedut Joseph Camilleri. Fir-risposta tagħhom l-kuraturi nominati premettew *interalia* li ma kienux dedotti mill-fatti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-bank rikorrenti

Ikkonsidrat.

Illi ngħad dan fi provediment simili n tematika fl-ismijiet **HSBC p.l.c vs AL Investments Limited (C7715) bħala garanti solidali ta' AL Enterprises Limited**[4]

*"Illi l-Bank rikorrent rabat espressament l-azzjoni tiegħu mal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li fil-parti tiegħu rilevanti għal dan il-proċediment jaqra hekk:*

---

[2] Oltre ħames snin.

[3] Risposta folio 21

[4] RikorsNru. 1231/2018 GM; **Seduta tat-3 t'Ottubru 2019.**

*"Wara l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi t-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (b) u (e) tal-artikolu 253… seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

*L-imsemmi Artiklu 253 jgħid inter alia li "huma titoli eżekuttivi…*
*(b) il-kuntratti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirciviehom , meta l-kuntratt huwa dwar dejn , likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt;*

*Illi l-imsemmi artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinat sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;*

*Illi l-Qorti tirrileva illi l-indaġini ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati. Kif ingħad fil-kawża HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et deċiża fl-1 ta' April, 2002 (Onor. Imħallef Raymond C. Pace):*

*"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għallakkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti.* ***Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smiegħ.***

*"Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss ai termini tal-Artikolu 259(4) f'każta' proċeduri da parte tal-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-liġi teħtieġ li l-istess rikors jiġi notifikat lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu, u dan allura jikkonferma it-teżi li f'dan il-każ, li ma jaqax taħt l-Artikolu 259 (4) appena ċitat, l-unika eżami li trid tagħmel l-istess Qorti hija biss li tara l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li r-rikorrenti jikkonferma bil-ġurament li d-debitu jew parti minnu għadu dovut";*

*Illi kif jgħallem il-wisq erudit imħallef Philip Sciberras, "huwa evidenti illi f'kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġja*

*kanonizzat bis-sentenza preċedenti. F'dan is-sens hi d-deċizjoni fl-ismijiet John Portelli nomine -vs- Henry Azzopardi proprio et nomine, Appell, 29 ta' Mejju 1997."*[5]

Ikkonsidrat

Senjatament rat ukoll in-nota esebita mill-bank rikorrenti[6] fejn spjega il-bilanċi li għadhom dovuti mill-intimati ammontanti kif hemm spjegati. Din l-istess nota għalhekk iġib fix-xejn il-pretensjoni tal-konvenuti li huma għandhom iħallsu biss il-bilanċi dovuti.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti ħadet ukoll l-izbriga tramite d-deputat registratur tagħha li tindaga HI jekk qattx ġew presentati ittri uffiċjali minħabba r-resistenza ta' l-intimati. Jirriżulta li fil-fatt, għalkemm il-bank rikorrenti sab hawn ukoll diffikultajiet għan-notifika fir-rigward, li kien hemm **varji** ittri uffiċjali, sew qabel il-jumejn li titlob il-liġi, **kieku dan it-terminu kien applikabbli kif jipretendu l-konvenuti**[7].

Fi kwalunkwe kaz tara lil ġurisprudenza mhux konformi ma din id-difiza mressqa. Fil-fatt f'sentenza li tat il-Qorti ta' l-Appell Superjuri fl-ismijiet **Joseph u Margaret konjugi Gatt u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2020 stante l-mewt ta' Joseph Gatt l-atti gew trasfuzi f'isem martu Margaret Gatt v. Peter u Doris konjugi Agius**[8]

*"Fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li dan hu bazat fuq il-fatt li l-atturi, skont il-konvenuti, ma setghux jipprocedu b'din l-azzjoni qabel ma jsejhu ghall-hlas lid-debituri b'att gudizzjarju kif irid l-Artikolu 256(2) tal-imsemmi Kap. 12.*

*Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 iqies bhala "***titoli ezekuttivi***", kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku meta l-kuntratt*

[5] 1 Pace George v Gauci Charles 24.11.2004 PA[PS]
[6] Folio 35
[7] Enfazi tal-Qorti.
[8] **Seduta ta' nhar** it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020 **Rikors numru 1164/13 AF**

*huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq. Ghall-kaz in ezami, dan ifisser li hekk kif ghaddiet sena fuq il-kuntratt ta' Lulju, 2002 u d-debitu ma giex imhallas, l-atturi bdew igawdu minn titolu ezekuttiv. Dan it-titolu seta' jigi ezekwit wara jumejn min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju (Artikolu 256(2) ibid).*

*Skont l-Artikolu 258 tal-istess Kap. 12, wara hames snin minn dakinhar li fih il-kuntratt seta' jigi esegwit, l-ezekuzzjoni tista' ssir biex wara talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Dan ifisser li gheluq il-perjodu ta' hames snin, kif inhu l-kaz f'din il-kawza, l-ezekuzzjoni ma tistax issir aktar b'semplici sejha b'att gudizzjarju, izda b'kawza ad hoc fil-qorti. L-att gudizzjarju mhux mehtieg ghall-akkwist tat-titolu ezekuttiv, izda ghall-ezekuzzjoni tieghu biss. Il-kuntratti ta' holqien ta' debiti huma fihom infushom titolu ezekuttivi, u l-ezekuzzjoni taghhom tista' ssir, fi zmien hames snin, bis-sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju, jew, wara hames snin, permess ta' kawza. Iz-zewg metodi jitkomplew bl-**ezekuzzjoni** tat-titolu ezekuttiv, li jsir hekk malli z-zmien moghti ghall-hlas ikun ghalaq. L-att gudizzjarju mhux mehtieg biex irendi l-att bhala wiehed ezekuttiv, ghax dan tirrendih hekk il-ligi stess. Hija l-ezekwibbilita` tieghu li tista' ssir b'zewg metodi skont iz-zmien li jkun ghadda minn fuq it-titolu.*

*Kwindi, il-procedura uzata f'dan il-kaz hija wahda korretta."*

Dawn il-prinċipji huma bla dubbju applikabbli għal kaz in deżamina.

**Konsegwentement qegħda tilqa t-talba u tawtoriżża lil Bank HSBC Malta p.l.c. tgħaddi għal eżekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv għal dak id-dejn mhux saldat biss kif jidher fin-nota esebita u dan ai terminu ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjeż għall-intimati.**

**Onor.Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara,**

**Dep. Reg.**